# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs**

**Anton Joseph Debono**

**Kumpilazzjoni Numru**: 763/23

**Illum, is-sittax (16) ta' Lulju, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Anton Joseph Debono** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 501201(L) akkuzat talli nhar is-07 ta'

Settembru 2023 u fil-jiem, gimghat u xhur ta' qabel din id-data, gewwa Triq Nazzjonali, Floriana u f'dawn il-Gzejjer:

1. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna PS 1051 Brian Joseph Cremona u PS 1226 Silvan Pulis persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qieghdin jaghmlu jew minhabba li kienu qieghdin jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzahghom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra PS 1051 Brian Joseph Cremona u PS 1226 Silvan Pulis inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu jew diga' kienu agixxew ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorità kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Kif ukoll talli kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PS 1051 Brian Joseph Cremona, skond ma iccertifikat Dr.

Elizabeth Micallef M.D. minn gewwa d-Dipartiment tal-Kura Primarja, Mosta u dan bi ksur tal-Artikolu 221(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe' mutur tal-ghamla 'Kymco' bin-numru tar-registrazzjoni CEC-265 u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra PS 1051 Brian Joseph Cremona u PS 1226 Silvan Pulis sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta' ta' PS 1051 Brian Joseph Cremona u PS 1226 Silvan Pulis jew biex tinzamm l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni taghhom minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza u dan bi ksur tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru 2023 fejn biha ta l-kunsens li dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u rega' kkonferma tali ammissjoni fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Lulju 2024;

Rat ir-rapport tal-Probation Officer Matthew Fleri Soler datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru 2023 fejn inghad:

> *"Rakkomandazzjoni*
>
> *Mill-informazzjoni miksuba ghall-fini ta' dan il-pre-sentencing report, u mill-akkuzi migjuba kontra Debono, qieghed jigi umilment issuggerit illi din l-Onorabbli Qorti tikkunsidra tinfliggi piena karcerarja sospiza ai fini tal-Artikolu 28(A) tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali. Tali sentenza ghandha sservi ta' deterrent serju ghall-imputat sabiex ukoll jonqos ir-riskju illi jinvolvi ruhu f'attivitajiet kriminali.*
>
> *Fil-fehma tas-sottoskritt, l-element ta' supervizjoni f'dan il-kaz mhuwiex necessarjament indikat. Primarjament minhabba l-fatt illi Debono ma setax kellu gwida ahjar milli kellu tul it-tliet snin ta' riflessjoni gewwa l-programm fl-*

*Italja. Jizdied ma' dan ukoll il-fatt illi Debono diga' ghandu esperjenza ta' tliet snin Probation. Ghaldaqstant huwa diga' jinsab konxju tal-principji u valuri tal-hajja li ghandhom ibeghduh minn hajja kriminali."*

Rat illi ghall-gid tal-imputat huwa thalla taht Ordni ta' Supervizjoni Temporanja ghal ftit ta' zmien fejn l-ufficjal tal-Probation ikkonferma illi l-imputat fetah qalbu, tkellem b'mod apert dwar il-hajja tieghu, dwar l-istat emozzjonali, sitwazzjoni tax-xoghol u relazzjonijiet tieghu. Jghid illi llum il-gurnata huwa sentenza fil-komunità ghandha sservih bhala deterrent u li ghalih m'hemmx bzonn ta' gwida partikolari ghaliex huwa bniedem matur u jaf x'inhu t-tajjeb u x'inhu l-hazin.

Ghaldaqstant gialadarba din il-Qorti taqbel perfettament mar-rizultanzi tal-Ufficjal tal-Probation, u gialadarba kienet saret ammissjoni bikrija u stante l-età pjuttost zghira tieghu ser timponi piena komunitarja u mhux effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 95, 96, 221(3), 334, 338(ee), 339(1)(d) u 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

ssib lill-imputat **Anton Joseph Debono** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih fuq ammissjoni u stante illi l-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi huma mezz ghall-fini tat-tieni (2) akkuza, u stante illi l-hames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) akkuzi huma assorbiti fit-tieni (2) akkuza qed tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal tliet (3) snin u dan skont il-provvedimenti tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment il-Qorti, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**